MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1209/2010

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Bellina Louise**
**I.D. 119278(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ tmien mija sitta u tlettin Ewro u wiehed u disghin Ewro centezmu (€836.91), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21380006 u dak televiziv bin-numru 1425030223 moghti mis-Socjeta’ attrici, u skond id-dokument annessi ma l-avviz tat-talba markat bhala Dok A.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mill-4 ta; Marzu, 2010 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija sitta u tlettin Ewro u wiehed u disghin Ewro centezmu (€836.91), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------